# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-20 ta' Novembru, 2018.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**Rikors Numru 644/2011**

**Marisa Ciappara bhala legittima rapprezentanti ta' binha minuri Aaron Cassar u ghan-nom u fl-interess tal-istess minuri**

**vs.**

***HAYS MARITIME DK Aps* proprjetarja tal-*motor yacht* M/V SANSSOUCI STAR IMO 8105064**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-4 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament esponiet s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi l-minuri riferit fl-okkju ta’ din il-kawza hu iben Dennis Cassar – is-sinistrat involut fil-procedura odjerna, (ara foll 7);

1.2. Illi r-rikorrenti *nomine* accettat il-wirt ta’ Dennis Cassar f’isem l-imsemmi binha minuri, bil-beneficcju tal-inventarju, (ara foll 7A);

1.3. Illi fis-17 ta’ Lulju, 2009, l-imsemmi Dennis Cassar li kien jahdem bhala “*air conditioning*” u “*refrigeration technician*”, kien qed jahdem fuq inkarigu tas-socjeta` intimata abbord il-*motor yacht Sanssouci Star* sorgut fil-marina tal-Birgu, meta ha xokk tal-elettriku li kkaguna l-mewt tieghu, (ara foll 16);

1.4. Illi l-imsemmi Dennis Cassar miet intestat, (ara foll 17);

1.5. Illi s-socjeta` intimata hi responsabbli ghall-mewt ta’ Dennis Cassar u dan, minhabba nuqqas ta’ diligenza, prudenza u hsieb, u minhabba li ma kienx gie ipprovdut “*a safe working environment*”;

1.6. Illi s-socjeta` intimata giet debitament interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni sofferti mir-rikorrenti *nomine* konsegwenza tal-incident in kwistjoni izda baqghet inadempjenti;

1.7. Illi ghalhekk kienet kostretta tadixxi din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi responsabbli ghall-incident li fih Dennis Cassar ircieva xokk tal-elettriku li ikkaguna l-mewt tieghu li sehhet fiz-17 ta’ Lulju, 2009, fuq il-*motor yacht Sansouci Star* li kien sorgut il-Birgu;

1.7.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti *nomine* bhala rizultat ta’ dan l-incident, okkorrendo bl-opra ta’ periti *nominandi*;

1.7.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrenti *nomine* l-ammont hekk likwidat;

1.7.4. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata proprjetarja tal-*yacht de quo*;

2.0. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-23 t'Awwissu, 2011, li permezz tieghu:

2.1. Appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 19); u

2.2. Tat dawk l-ordnijiet procedurali necessarji ghall-ahjar andament tal-procedura, (ara foll 20);

3.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata intavolata *in atti* mill-mandatarju specjali appozitament nominat f'din il-procedura datata l-15 ta' Gunju, 2012, li permezz taghha rrispondiet sintetikament bil-mod segwenti:

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti *nomine* huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

3.2. Illi s-socjeta` intimata m'ghandiex tort ghall-incident in dizamina u ghalhekk mhix responsabbli ghall-istess;

3.3. Illi mhux car jekk ir-rikorrenti hix tibbaza l-azzjoni taghha fuq responsabbilita` delittwali jew kuntrattwali u ghandha ticcara l-kawzali taghha fir-rigward;

3.4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess kull responsabbilita` u danni li jistghu jigu attribwiti lis-socjeta` intimata ghandhom jigu kwantifikati u limitati *a tenur* tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

3.5. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3.6. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-3 ta' Lulju, 2012, li permezz tieghu innominat lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 171 u 172);

5. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat l-1 t'April, 2014, li permezz tieghu, wara li awtorizzat lill-assistent gudizzjarju fuq indikata biex tkompli tisma' x-xhieda f'seduta li gia` kienet minnha iffissata, awtorizzat ukoll lill-istess assistent gudizzjarju biex wara tghaddi l-inkartament kollu fl-atti tal-procedura odjerna biex il-qorti tkompli tisma' l-kawza hi stess (ara foll 277);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti *nomine* datata d-9 t'April, 2018, (ara foll 463), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti ipprezentata mill-abbli mandatarju specjali taghha datata l-11 ta' Gunju, 2018, (ara foll 485);

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti pprezentati *in atti*, inkluz l-atti tal-Inkjesta Magisterjali mizmuma fir-rigward, flimkien max-xhieda migbura mill-assisstent gudizzjarju fuq riferita, fejn f'dan ir-rigward tirrileva li l-kopjozita` ta' dokumenti ripetutament ipprezentati *in atti* ma tirriflettix tajjeb fuq il-procedura;

9. Rat il-verbal datat is-26 ta' Gunju, 2018, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet infurmaw lill-qorti li kienu qed jistriehu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet minnhom ipprezentati, (ara foll 505);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament deklinati bil-mod segwenti:

10.1. Illi rizultat ta' xokk tal-elettriku li s-sinistrat Dennis Cassar ha waqt li fis-17 ta' Lulju, 2009, kien qieghed jahdem fuq il-"*yacht*" *Sanssouci Star*, hu tilef hajtu, (ara foll 358);

10.2. Illi l-*yacht* riferit fil-paragrafu precedenti hu proprjeta` tas-socjeta` intimata, (ara foll 373);

10.3. Illi s-sinistrat kien inkarigat biex jaghmel xoghol tal-elettriku fuq l-imsemmi *yacht* direttament minn iben is-sid tal-istess *yacht*, (ara foll 313);

10.4. Illi s-sinistrat kien jahdem bhala "*marine air conditioning and refrigeration technician*", (ara foll 79 u 289 sa 293);

10.5. Illi r-rikorrenti *nomine* tattribwixxi r-responsabbilita` ghal dan l-incident hawn in dizamina lis-socjeta` intimata, u konsegwentement, qed titlob ukoll dikjarazzjoni gudizzjarja f'dan is-sens, oltre il-likwidazzjoni tad-danni rizultanti mill-akkadut, (ara foll 2);

10.6. Illi min-naha l-ohra, s-socjeta` intimata tirrespingi l-allegazzjonijiet kollha indirizzati fil-konfront taghha u ssosstni li mhix responsabbli ghall-incident *de quo*;

Ikkunsidrat:

11. Illi skont il-lavrant tas-sinistrat li kien jassistieh fix-xoghol jirrizulta li fil-hin tal-incident is-sinistrat Cassar kien qieghed inehhi "*condenser unit*" mir-"*refrigeration equipment*" biex ipogguh fl-"*engine room*" tal-istess bastiment in kwistjoni li kienet sitwata taht is-"saloon", (ara foll 225);

12. Illi tali operazzjoni kienet tirrikjedi l-moghdija ta' pajpijiet immuntati fuq "*brackets*" fl-"*engine room*", (ara foll 225);

13. Illi l-istess xoghol kien ghalhekk jirrikjedi "*power source*" ossija sors tal-elettriku li kellu jittiehed mill-istess "*engine room*", (ara foll 225);

14. Illi meta s-sinistrat Cassar wasal fil-fazi li jqabbad il-"*power supply*" hu ha x-xokk tal-elettriku fatali hekk kif qabbad l-istess "*supply*", (ara foll 226 u 227);

15. Illi meta sehh l-incident *de quo* il-"*yacht*" in kwistjoni kien kollegat mal-provista tal-elettriku tal-Marina tal-Birgu, (ara foll 210);

16. Illi l-istruzzjonijiet fuq il-makkinarju u l-istallazzjonijiet fuq l-imsemmi "*yacht*" kienu bil-lingwa Germaniza, (ara foll 216 C u 216 E);

17. Illi l-istess lavrant tas-sinistrat li kien qieghed jassistieh fil-hin tal-incident jindika li l-ispazju fl-"*engine room*" fejn kien qed issir ix-xoghol kien wiehed pjuttost ristrett b'hafna pajpijiet u "*cables*" li komplew jirrestringu l-ispazju disponibbli, (ara foll 225);

18. Illi rizultat tal-istess restrizzjoni, l-bieba tal-*iswitch board* ma kienitx tinfetah kollha billi kienet ostakolata b'oggetti ohra, (ara foll 226 u 229);

19.0. Illi r-rikorrenti *nomine* ssosstni sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi waqt li s-sinistrat Cassar kien qed jahdem fuq il-*yacht* in dizamina jirrizultalha li ma kienx qed jutilizza "*shore power*" – senjatament ma kienx qed jutilizza l-provvista tal-elettriku fornita mill-istess Marina tal-Birgu fejn kien sorgut il-*yacht de quo*, biex ihaddem is-sistemi tieghu, (ara foll 80);

19.2. Illi ghalhekk il-kurrent tal-elettriku abbord il-*yacht de quo* kien qed jigi generat minn generatur li kien jinsab fuq l-istess *yacht*, liema generatur kien ukoll proprjeta` tal-istess *yacht*, (ara foll 80);

19.3. Illi l-istess *yacht* ma kienx munit b' "*automatic circuit breaker*", - senjatament *salvavita*, (ara foll 80, 216 E, 216 G, 216 H, 216 I u 362);

19.4. Illi jirrizulta li l-*yacht* in dizamina kellu "*switchboard*" wiehed li kien maqsum f'hames (5) pannelli, (ara foll 216 H);

19.5. Illi peress li fuq l-imsemmi *yacht* kienu qed isiru xi xogholijiet fuqu, fl-opinjoni tal-espert tekniku appozitament nominat mill-Magistrat Inkwirenti jirrizulta li:

> "... kienu mlew kwazi kollox u lanqas kien baqa` post x'izidu ... Kien hemm hafna *wires*", (ara foll 216 H);

19.6. Illi skont l-istess espert tekniku riferit fil-paragrafu precedenti jirrizulta li s-sinistrat Cassar kien qed juza "*multimeter*" li juri li fil-mument tas-sinistru Cassar kien qed jeffettwa xi testijiet, (ara foll 216 F);

19.7. Illi fl-analizi taghha r-rikorrenti *nomine* issosstni li fil-post fejn is-sinistrat kien qed jahdem kien hemm sors t'elettriku gej minn "*electricity generator*" li kien fuq il-*yacht* u li kien proprjeta` tal-istess *yacht*, (ara foll 80);

19.8. Illi ghalhekk issosstni li kien ghalhekk li meta s-sinistrat laqghat xi haga li minnha kien ghaddej il-kurrent elettriku sehh l-incident *de quo*, (ara foll 80);

19.9. Illi jirrizulta mir-rapport medico-legali pprezentat *in atti* li s-sinistrat kien jahdem b'idejh il-leminija, (ara foll 219), waqt li l-ferita ikkagunata mix-xokk elettriku minnu subit tirrizulta sitwata f'idejh ix-xellugija, (ara foll 218 A u ritratt a foll 223);

Ikkunsidrat:

20. Illi jirrizulta assodat li waqt li s-sinistrat Cassar kien qieghed jahdem fuq is-sistema ta' refrigerazzjoni in dizamina il-provista tal-elettriku kienet ghadha attiva, (ara foll 80), tant li l-elettriku baqa' ghaddej ghal madwar 15 jew 20 sekonda sakemm intefa s-sors tal-istess, (ara foll 227);

21. Illi jirrizulta li s-"*circuit breaker*" li kien hemm fl-area fejn kien qed jahdem is-sinistrat Cassar kien mitfi, (ara foll 227);

22. Illi fil-mument tas-sinistru s-sinistrat Cassar jirrizulta li jew kien liebes qorq jew li addirittura kien hafi, (ara foll 259), - ghalhekk ma kienx liebes "*safety shoes*";

Ikkunsidrat:

23.0. Illi fir-rigward tas-*salvavita* d-direttur tas-socjeta` operatrici f'dan il-qasam partikolari jikkjarifika s-sitwazzjoni fir-rigward u jsosstni sintetikament is-segwenti, (ara foll 438):

23.1. Illi t-tip ta' *yacht* bhal dak fejn sehh is-sinistru in dizamina jkollu zewg (2) *salvavita*;

23.2. Illi l-protezzjoni tkun fuq it-*transformer*;

23.3. Illi jkun hemm *salvavita* ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-elettriku moghti lill-*yacht* mill-art;

23.4. Illi din is-*salvavita* tkun fuq l-art mal-*pillar*;

23.5. Illi effettivament salvavita u "*circuit breaker*" huma zewg (2) affarijiet differenti:

23.5.1. *Salvavita*: kull ma hi hu "*earth leakage*" "*circuit breaker*";

23.5.2. "*Circuit Breaker*": hu *main switch* li jintuza biex wiehed jitfi l-kurrenti li jkun diehel fuq il-vapur;

Ikkunsidrat:

24. Illi mir-relazzjoni tal-espert tekniku *ex parte* prodotta mis-socjeta` intimata gie senjalat is-segwenti:

24.1. "Il-"*bus bars*" ikunu *insulated* mill-metall tal-*board*. Issa jista' jkun "*bare bus bars*"; voldieri inti jekk tmisshom tiehu xokk dirett, u jista' jkunu mhux "*insulated*", ghax inti dawk mhux suppost tmisshom. Dawk suppost ikunu maghluqin gol-"*cubical*" u inti mhux suppost tmisshom", (ara foll 262);

Ikkunsidrat:

25. Illi l-fatti riskontrati jattiraw l-applikazzjoni tal-Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 424), l-att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol, li bis-sahha tieghu gie wkoll ippubblikat – fost regolamenti ohra – l-Avviz Legali 36 tal-2003 intitolat Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol;

26. Illi l-artiklu 4 (1) tal-Kap 424 jistipula li:

> "Il-protezzjoni tas-sahha u tas-sigurta` fuq il-postijiet tax-xoghol ghandha titqies bhala materja ta' interess pubbliku";

27. Illi l-istess Kap jispecifika fid-dettal l-obbligi ta' min ihaddem biex jevita dannu fiziku u psikologiku, korriment jew mwiet fuq il-post tax-xoghol, (ara artiklu 6 tal-Kap 424);

28. Illi l-istess Kap jistipula wkoll li hu d-dmir ta' kull haddiem li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta` tieghu nnifsu, (ara artiklu 7 (1) tal-Kap 424);

29. Illi l-istess oneru indikat fil-paragrafu precedenti jirrizulta sottolineat mill-gdid fir-regolament 15 (2) tal-Avviz Legali 36 tal-2003 fuq riferit, (ara paragrafu numru hamsa u ghoxrin (25.), aktar qabel), fejn fost l-ohrajn jigi specifikat li l-haddiem involut ghandu l-obbligu li:

> "(a) jaghmel uzu korrett tal-makkinarju, apparat, ghodda, sustanzi perikoluzi, taghmir tat-trasport u mezzi ohrajn ta' produzzjoni;
>
> "(b) jaghmel uzu korrett tat-taghmir protettiv personali moghti lilu u, wara l-uzu, jirritornah f'postu";

30.0. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li l-obbligi rigwardanti l-mizuri prekawzjonali meqjusa indispensabbli fuq ix-xoghol huma piz stipulat kemm fuq:

30.1. Min ihaddem; kif ukoll fuq

30.2. Il-haddiem involut;

Ikkunsidrat:

31. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **David Gathergood vs. *Anchor Bay Leisures Limited et***, datata it-**12 ta' Marzu, 2012**, li irriteniet is-segwenti:

> "Illi bhala punt tat-tluq dottrinali, hu maghruf li fil-qasam ta' responsabbilita` dwar korriment li jsehh fuq il-post tax-

xoghol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jghoddu regoli specjali dwar dak li jigri meta haddiem jew terza persuna ggarrab incident bhal dak. Bit-thaddim tar-regoli generali tal-ligi dwar ir-responsabbilita` ghal dak li wiehed irid iwiegeb ghalih minhabba xi ghamil jew nuqqas tieghu, is-sejbien ta' htija ghal incident bhal dak jghabbi lil min ikun qabbad lill-haddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-haddiem naqas li joqghod ghall-istruzzjonijiet jew ghall-prekawzjonijiet li l-imghallem tieghu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-haddiem, bi traskuragni jew b'rieda, ikun hu nnifsu li gab l-effetti tal-incident b'idejh";

Ikkunsidrat:

32. Illi ghalhekk, fid-dawl tar-rizultanzi fuq deklinati issa hu ghaqli li jigi ezaminat jekk kienx hemm ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 424 jew tal-Avviz Legali 36 tal-2003 fuq riferiti biex b'hekk tigi stabbilita r-responsabbilitia` ghall-hsara lamentata mir-rikorrenti *nomine*;

Ikkunsidrat:

33. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Philip Vassallo vs. *Malta Freeport Terminals Limited***, datata l-**21 ta' Marzu, 2016**, li f'dan ir-rigward stabbiliet is-segwenti:

"Il-haddiem li jkorri jrid fl-ewwel lok jipprova li kien hemm nuqqas ta' mizuri ta' tharis tas-sigurta`, imbaghad il-piz tal-prova jdur fuq spallejn min ihaddem li biex jiskolpa ruhu jrid juri jew, li kien hemm forza magguri, inkella traskuragni da parti tal-haddiem";

Ikkunsidrat:

34. Illi essenzjalment, mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm xi ksur tar-Regolamenti in dizamina da parti tas-socjeta` intimata;

35. Illi pero` ma jistax jinghad l-istess fir-rigward tas-sinistrat *stante* li jirrizulta assodat li kien bl-agir tal-istess sinistrat li sehh l-incident fatali sfortunat in dizamina;

Ikkunsidrat:

36.0. Illi l-konkluzjoni indikata fil-paragrafu precedenti hi rizultat tas-segwenti:

36.1. Illi jirrizulta li meta s-sinistrat kien qieghed jahdem fuq is-sistema in dizamina halla l-"*main switch board*" mixghula, (ara foll 216 F);

36.2. Illi f'dan ir-rigward l-espert tekniku nominat mill-Magistrat Inkwirenti, (ara foll 359), sosstna s-segwenti:

> "Jien nahseb li l-ahjar *precaution* kien li jitfi kull darba", (ara foll 216 H);
>
> "Hu wkoll wisq probabbli li wara li ghall-ewwel hu beda jahdem bil-*main switch* mitfi, ghal xi raguni jew biex jittestja hu rega' xeghlu izda umbaghad nesa' jitfih biex jizgura s-sigurezza tieghu", (ara foll 216 H u 216 I);

36.3. Illi min-naha tieghu l-espert tekniku *ex parte* sosstna fir-rigward is-segwenti:

> "Il-*yacht* kien wiehed klassifikat li tfisser li kien klassifikat wara *survey* mill-kumpanija internazzjonali. F'dan il-kaz kienet il-*German Share Loyalty*. Il-kundizzjoni tal-vapur kienet wahda tajba u kien certifikat b'dan il-mod ukoll", (ara foll 310);

36.4. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti *nomine* ma resqet l-ebda prova biex tikkontradixxi s-suespost;

Ikkunsidrat:

37. Illi fil-konkluzjonijiet tieghu l-espert tekniku nominat fl-Inkjesta Magisterjali jikkonkludi bil-mod segwenti, (ara foll 361):

> "Illi l-mewt ta' Dennis Cassar kienet accidentali u ghemil doluz hu totalment eskluz. Izda mill-banda l-ohra u fl-opinjoni tal-espert ezistew ukoll elementi ta' xi ftit traskuragni, zball jew aljenazzjoni min-naha ta' Dennis Cassar, illi wasslu ghax-xokk elettriku li hu rcieva u eventwalment wassal ghall-mewt tieghu. Dan ghaliex il-vittma ma segwiex il-prekawzjonijiet jew proceduri ta' sigurta` illi suppost jiehu qabel jesegwixxi xoghol fuq partijiet elettrici u cioe` dik li jispezzjona b'ghajnejh u anke jiccekkja permezz ta' *multimeter* ghall-presenza ta' xi vultagg perikoluz. Il-vittma lanqas ma kien liebes *safety boots* anzi jidher li huwa kien hafi meta rcieva x-xokk elettriku";

38. Illi jirrizulta li meta s-sinistrat kien qieghed jahdem fi spazju ristrett fis- sistema tal-elettriku in kwistjoni hu baqa' jahdem minghajr ma preventivament tefa' l-*main switch*, (ara foll 216 F);

39. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li dan kien il-kagun dirett tal-incident fatali riskontrat billi b'konsegwenza tal-istess thalla jghaddi l-vultagg tal-elettriku meta s-sinistrat laqghat xi parti attiva li ffolgoratu;

40. Illi ghandu jkun ovvju li kien l-obbligu tas-sinistrat li jiehu hsieb is-sahha u s-sigurta` tieghu nnifsu u japplika l-prassi logika li jitfi l-*main switch* u jeffettwa t-testijiet necessarji biex jizgura ruhhu li ma kienx ghaddej elettriku mis-sistema qabel ma jibda jahdem fuqha;

41. Illi ghalhekk kien l-obbligu tas-sinistrat li juza l-*multimeter* kontinwament biex jittestja ghall-presenza tal-elettriku – u dan, ghall-inkolumita` tieghu;

Ikkunsidrat:

42.0. Illi fir-rigward tas-*salvavita* in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

42.1. Illi jirrizulta li ma kienx hemm *salvavita* fuq il-yacht *de quo*, (ara foll 438);

42.2. Illi fir-rigward id-direttur fuq gia` indikat, (ara paragrafu numru tlieta u ghoxrin, (23.), aktar qabel), spjega is-segwenti:

“Mistoqsi li effettivament dan it-tip ta’ *yachts* ikollhom zewg *salvavita* nghid illi jkun hemm *salvavita* ghal dak li ghandu x’jaqsam l-elettriku moghti mill-art lill-vapur u l-protezzjoni ikun fuq it-*transformer*. Din ma tkunx fuq il-vapur tkun fuq l-art mal-*pillar*”;

42.3. Illi l-affermazzjoni riferita fil-paragrafu precedenti ma gietx bl-ebda mod kontradetta mir-rikorrenti *nomine*;

Ikkunsidrat:

43. Illi in vista tas-suespost ma jirrizulta l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta` intimati fir-rigward tal-akkadut;

Ikkunsidrat:

44.0. Illi fir-rigward tal-*bus bars* jinghad sintetikament is-segwenti:

44.1. Illi jirrizulta li dawn il-*bus bars* ma kienux insulati, (ara foll 262);

44.2. Illi pero` jirrizulta mid-deposizzjoni tal-perit tekniku *ex parte* li dan hu tipiku tas-*switchboard* tal-vapuri”, (ara foll 461);

44.3. Illi *di piu`* l-espert tekniku nominat mill-Magistrat Inkwirenti f’dan ir-rigward kien sosstna li:

> “Il-*bus bars* ikun(u) *insulated* mill-metall tal-board. Issa jista’ ikun *bare bus bar*; voldieri inti jekk tmisshom tiehu xokk dirett, u jista` jkunu mhux *insulated*, ghax inti dawk mhux suppost tmisshom”, (ara foll 262);

Ikkunsidrat:

45. Illi in vista tas-suespost ma jirrizulta wkoll l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta` intimata fir-rigward;

Ikkunsidrat:

46. Illi ghandu f’dan l-istadju jigi sottolineat li L-inkjesta Magisterjali wasslet ghas-segwenti konkluzjoni:

> “Illi l-mewt ta’ Dennis Cassar hi meqjusa bhala wahda accidentali u wisq probabbli sehhet kagun ta’ forma ta’ aljenazzjoni. Hu wkoll wisq probabbli li wara li ghall-ewwel hu beda jahdem bil-“*main switch*” mitfi, ghal xi raguni jew biex jittestja, hu rega’ xeghelu izda umbaghad nesa’ li jitfih biex jizgura s-sigurezza tieghu”, (ara foll 362);

47. Illi minn ezami tar-rizultanzi kif fuq elenkati din il-qorti tikkondividi l-istess konkluzjoni riprodotta fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

48. Illi fid-dawl tas-suespost ma jirrizulta l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta` intimata fuq il-*yacht* taghha li wassal biex jipperikola s-sahha u s-sigurta` tas-sinistrat Cassar jew xi responsabbilita` tal-istess fil-konfront tal-istess sinistrat;

49. Illi mir-rizultanzi fuq elenkati din il-qorti hi konvinta li r-responsabbilita` ghall-incident sfortunat in dizamina tistrieh unikament fuq is-sinistrat Cassar;

Ikkunsidrat:

50. Illi ghalhekk, in linea mal-artiklu 1031 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabbilixxi li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu, it-talbiet tar-rikorrenti *nomine* ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

51. Illi ghall-fini ta' kompletezza ssir referenza ghall-allegazzjoni tas-socjeta` intimata li fis-sottomissjonijiet finali taghha taccenna ghall-fatt li l-Marina tal-Birgu fejn kien sorgut il-*yacht* in dizamina kienet responsabbli ghall-incident *de quo* billi *nonostante* li kellha l-obbligu li tipprovdi *salvavita* ghall-operat in dizamina gialadarba dan kien qed jigi pprovdut bl-elettriku mill-art, ma ssupplit l-ebda *salvavita*, (ara foll 496 u 497), liema tezi kienet ukoll sottolineata mill-espert tekniku *ex parte* inkarigat mill-istess socjeta` intimata, (ara foll 322);

52. Illi f'dan l-istadju ghandu jkun pacifiku li tali lanjanza giet abbundantement superata fid-dawl tar-rizultanzi u konkluzjonijiet fuq elenkati u konsegwentement m'hemm bzonn li jinghad xejn aktar fir-rigward;

Ikkunsidrat:

53.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti *nomine* ippruvat it-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

53.1. Takkolji l-ewwel (1) risposta tas-socjeta` intimata;

53.2. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti *nomine*;

53.3. Illi in vista tal-element sfortunat riskontrat l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom ikunu bla taxxa.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**